# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **26** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Erbgħa 7 ta' Settembru 2011 fil-5.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal fis-6.30p.m.) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużat | Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne |

## *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 25.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Analiżi u aġġudikazzjoni tat-Tender KLM2011/08.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 25(1) tat-8 ta' Awwissu 2011:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 9 punt 'Laqgħa mal-WasteServ', trid taqra hekk *"Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne u l-Viċi Sindku kkonfermaw għax għaddew minn hemm u anke xammew ir-riħa tinten"*.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 9 punt 'Laqgħa mal-WasteServ', trid taqra hekk *"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li nhar il-Erbgħa 17 ta' Awwissu se jkollna laqgħa mal-WasteServ u tajjeb li jitqajjmu dawn il-punti"*.

1.1.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 3 punt #2.3 fl-ewwel paragrafu trid taqra hekk *"rigward il-bini tal-kindergarden ġdid"*.

1.1.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 3 punt #2.3 fit-tieni paragrafu triq taqra hekk *"wara il-grawnd"*.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li fuq item 3.13 rigward li jpoġġu *piano* fejn irid il-Kunsill. Il-GM International Conferences & Exhibitions Ltd aċċettaw li jitpoġġa ħdejn it-Torri San Tumas għall-Iljieli Skalin, basta bil-lejl jitpoġġa x'imkien ġewwa.

2.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud staqsa lis-Sindku jekk fuq punt 3.6 rigward it-Trasport Pubbliku kienux saru xi żviluppi.

Is-Sindku wieġeb li aħna bagħtnilhom l-ittra li għaddiet fil-laqgħa ta' qabel din u wara li ltqajna magħhom infurmawna li se jkun hemm tibdil f'Ottubru li ġej u b'dan għandhom javżawna qabel.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħna għandna dejjem inżommu ir-rottot li kellna għax kienu ta' konvenjenza tajba għar-residenti tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li hekk huma mniżżlin ir-rottot skond kif kienu qabel u żiedna magħhom oħrajn ġodda.

2.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa x'kienet l-aġenda li fuqha tkellemu mal-WasteServ.

Is-Sindku rrisponda li l-aġenda kienet biss niltaqgħu mac-*Chief Executive Officer* il-ġdid tal-WasteServ, li huwa s-Sur Carmel Abela.

Peress li s-Sindku xtaq li jitkellmu fuq aktar affarijiet magħhom talab sabiex issir laqgħa oħra u din id-darba tawna data għal nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru fl-4.30p.m., u l-aġenda għandha tkun din.

1. Il-bord hux qed jiltaqa`
2. *Air Quality Specialist* tagħna sabiex jintegra magħhom
3. Id-*data* tiġi ppubliġizzata (fuq bord barra u fuq il-*website*)
4. Tour madwar l-Impjant
5. *Family Park*
6. Moniteraġġi fejn qegħdin

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Petizzjoni mir-residenti fi Triq l-Immakulata u Triq San Nikola (#35/4516/1/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna ittra mingħand il-MEPA rigward il-petizzjoni li kienet saret mir-residenti fi Triq l-Immakulata u Triq San Nikola, sabiex isir taraġ.

Il-MEPA rrispondiet sabiex nitfgħu il-permess tagħna u wara li joħorġulna l-approvazzjoni tagħhom, isir ix-xogħol.

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li din it-triq għadha mhux lesta mit-tarmak u għalhekk għandna nsaqsu lit-TM meta se ssir u nitolbu stima ta' xogħol lill-Perit u wara nieħdu deċiżjoni.

Il-Kunsill approva unanimament.

- ***Il-Kunsilier is-Sur Sandro Gatt daħal għall-laqgħa fis-6.30p.m.***

3.2 **Playing Fields Report (35/4421/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna *'inspection report'* fuq il-*playing fields'* fil-lokalita` tagħna.

Rigward il-Bandli ta' Triq iż-Żonqor, dan ġie approvat li se jinbidel kollu skond l-iskema ta' Memo 66/2011 u l-kumplament mill-fondi tal-UIF. Għandha ssir spezzjoni fuq il-post bejn il-Kunsillier Lawrence Ciantar u l-Perit tal-Kunsill.

Rigward il-Bandli fi Pjazza Mifsud Bonniċi, dan qed jinħareġ tender fuqu sabiex jinbidel kollu ġdid.

Rigward Ġnien Antoine Randich ġibdulna l-attenzjoni li l-*'play structure'* li hemm fin-nofs m'hiex f'kundizzjoni tajba u barra minn hekk talbuna sabiex indawruha bil-ħadid. Irid jikber ukoll ir-*rubber flooring* ta' taħta. Il-bankijiet li hemm iridu jidħlu aktar il-ġewwa għax qegħdin ta' periklu għat-tfal peress li qegħdin viċin tat-taraġ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa li għandna nsibu *'play structure'* addattata għal-kobor taċ-ċirku li hemm bil-lakstu. Għandu jkun hemm aktar ilqugħ għat-tfal biex ma joħorġux dirett fit-triq. Il-bankijiet inressquhom aktar il-ġewwa, kif issuġġerrew huma u jekk hemm bżonn jinbidel ukoll ir-*rubber flooring.* Dan kollu għandna napplikaw għalih skond l-iskema ta' Memo 66/2011.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.3 **PA 000425/11 rigward in-niċċa Sant'Anna (#35/4465/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna il-permess mill-MEPA sabiex jinbeda ir-restawr fin-niċċa Sant'Anna li tinsab fi Pjazza Dun Tarċis Aġius u li skond skema ta' finanzjament għal-retawr ta' postijiet storiċi Memo 21/2010, irridu nagħġlu sabiex nibdew ix-xogħol, għax ma nieħdux il-fondi u din tgħodd anke għan-niċċa ta' San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa sabiex fejn ikun qed isir xi xogħol mill-Kunsill, titwaħħal tabella "Proġett mill-Kunsill Lokali Marsaskala".

Il-Kunsill approva li tinħareġ kwotazzjoni jew tender dwar dawn iż-żewġ niċċeċ li fadal.

3.4 **VolunTEAMing – International Workshop (#35/4569/11/I):**

Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-*workshop* li attenda huwa f'Awwissu li għadda, mal-grupp ta' żgħażagħ kienet ta' suċċess kbir u fuq *overall peformances*, ġejna ir-raba` post.

Is-Sindku qal li l-*workshop* li jmiss huwa bejn it-3 u s-7 ta' Novembru u għal din id-darba huwa ssuġġerixxa li nibgħatu lis-Sur Alfred Debono, lis-Sur Joe Chetcuti u lis-Sur Vince Tonna li huma tlett persuni li jaħdmu ħafna għall-Kunsill tagħna.

Il-Kunsill approva unanimament li ntuhom €~~112~~ 124 kull persuna bħala *reimbursement* ta' l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar minħabba li dan huwa proġett tad-Douzelage li l-Kunsill kien diġa approva.

3.5 **Donation ta' kotba għall-librerija tal-Kunsill (35/4450/11/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-BOV tawna donazzjoni ta' €150 f'kotba għall-librerija tal-Kunsill.

Is-Sindku nfurmana wkoll li l-President tad-Douzelage se jtina donazzjoni ta' kotba fuq id-Douzelage sabiex jitpoġġew fil-librerija wkoll.

3.6 **Adjudication Report dwar l-Air Quality Specialist :**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna ir-rapport ta' aġġudikazzjoni ta' tender li sar mis-Sinjuri Tony Abela u Mark C. Mifsud u li dan sar bi professjonalita` kbira u għamlu xogħol impekkabli.

Il-Kunsill approva li dwar dan għandna nagħmlu ittra ta' ringrazzjament.

Is-Sinjuri Abela u Mifsud qalu li D.Consulta mhumiex addattati għal dan ix-xogħol u għandna niktbu lil D. Consulta li t-tender tagħhom ma ġiex aċċettat mill-Kunsill.

Din id-deċiżjoni ġiet approvata bi qbil unanimu.

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li Dr. Joe Buhagiar wera l-interess fil-kariga ta' *Air Quality Specialist* u niddiskutu miegħu 'l quddiem fuq affarijiet ta' natura finanzjarja jekk ikun il-każ.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.7 **Is-Servizz provvdut mill-Green MT :**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-ittra li bagħtna lill-Green MT fit-2 ta' Awwissu għadna ma rċivejniex risposta dwara.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li dawn il-ħmistax minn wara li bagħtna l-ittra is-servizz inbidel u tjieb ħafna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa li nagħmlu boroż mill-griżi (X30) a spejjeż tal-Kunsill, sabiex inqasmuhom lir-residenti tagħna biex ninċentivawhom aktar sabiex jagħżlu l-iskart.

Il-Kunsill approva unanimament li niktbu ittra lill-Green MT fejn nenfasizzaw il-punt finanzjarju u fuq il-punt li tinbagħat id-*data* u l-ħlas tal-iskart *extra* kif suppost għandhom jagħmlu. Jekk fil-każ li dan ma jiġiex osservat, nistgħu nxolju l-kuntratt.

3.8 **Stedina mill-WasteServ biex il-Kunsill iżur l-Impjant tar-Riċiklaġġ (#35/4603/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna stedina mingħand il-Wasteserv sabiex il-Kunsilliera kollha jistgħu imorru iżuru l-Impjant tar-Riċiklaġġ u jaraw x'qed isir.

Fuq dan il-punt il-Kunsill diġa tkellem f'item Nru 2.3 fejn ġiet iffissata laqgħa għal nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru fl-4.30p.m.

3.9 **Reinstatement mill-WSC :**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill kien tħallas mil-W.S.C is-somma stipolata fil-kuntratt mal-Assoċjazzjoni ta' €50 għal kull trinka li kienet saret fis-sena 2007 filwaqt li f'din is-sena finanzjarja l-Kunsill se jirċievi l-ħlas għat-trinek li saru fis-sena 2008 kif ukoll t-trinek li saru minn Jannar sa Lulju 2010. Is-sena d-dieħla l-Kunsill jitħallas għas-sena 2009. Il-Kunsill fil-fatt se jkollu jaqsam l-*invoice* tas-sena 2010 fi tnejn u dan peress li l-pagament għat-trinek li saru bejn Awissu-Diċembru 2010 jitħallsu biss wara l-WSC tiċċertifika li jkun sar ix-xogħol neċessarju mill-Kunsill tat-trinek li jkopru l-perjodu Jannar-Lulju 2010.

Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv spjega li jrid jinħoloq fond speċifiku ta' dawn il-flejjes miġbura li se jagħmel tajjeb għax-xogħol li jrid isir fuq l-istess trinek mil-2010 'il quddiem.

Il-Kunsill qabel unanimament li niċċekjaw mal-Perit kif ukoll il-kuntrattur tal-Kunsill Polidano Brothers biex nikkwantifikaw l-ispiża medja għal kull trinka skond ir-rati tal-kuntratt.

3.10 **Ġnien Sant'Anna – Expression of Interest:**

Is-Sindku huwa ta' l-opinjoni li l-proġett imsemmi ta' Ġnien Sant'Anna jidher li ma ntlaqax daqshekk tajjeb minn xi residenti fl-akwati u dawn għal żewġ jew tlett raġunijiet, waħda għall-kampanja orkestrata minn ċerti nies peress ta' l-*emails* li ntbagħtu u tnejn għax huwa ġenwinament semma il-parkeġġ u tlieta għax issemmiet is-sistema tal-PPP illi ħafna nies lanqas jafu x'inhi.

Is-Sindku jħoss illi l-Kunsill qiegħed hemm biex jakkomoda u jikkuntenta lir-residenti Skalin u mhux biex jiġġieled jew joħloq xi tip ta' diżgwid magħhom. Għaldaqstant, huwa ta' l-opinjoni li l-espressjoni ta' nteress illi kienet qed tiġi diskussa biex toħroġ u ssir konsultazzjoni mal-pubbliku u dejjem bi qbil fil-kamra ma toħroġx.

Min-naħa l-oħra l-Kunsill fil-preżent qiegħed ukoll fi stadju ta' żewġ proġetti kbar li jammontaw għan-nofs miljun Ewro u b'hekk żgur ma jkunx daqshekk aqli li nikkonċentraw f'ħafna aktar proġetti, iżda peress li l-Kunsill għandu f'idu permess relattivi tal-bini amministrattiv u grazzi wkoll għall-Kunsill preċedenti, l-flus imfaddla għalih, forsi jkun tajjeb li niffukaw ftit fuqu fi żmien aktar opportun.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.11 **Tender for the upgrading and embellishment of playing area at Pjazza Mifsud Bonnici (#35/4823/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna risposta mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti dwar dan it-tender hawn fuq imsemmi, wara li hu kien bagħatilhom email li l-bord kien qabel mar-rapport tal-Perit fejn tnejn minnhom kellhom żball fl-ammonti u wieħed minnhom jaqbez l-ammont li kien ġie mitlub mill-Kunsill.

Is-Sur Francis Attard, Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti kiteb li min-naħa tad-Dipartiment jistgħu biss jirreferu għall-istruzzjonijiet li normalment jiġu ppublikati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Fl-istruzzjonijiet ikun hemm imniżżel id-dritt li l-Awtorita` kuntrattwali tagħmel korrezzjonijiet aritmetiċi neċessarji. Jekk ikun hemm żball fl-addizjoni jew inkella fil-multiplikazzjonijiet, dawn jiġu kkoreġuti mingħajr ma' toqgħod tinġieb xi awtorizazzjoni mingħand l-offerent.

Il-Kunsill approva unanimament li l-bord għandu jerġa jiltaqa` sabiex jiddiskutu dan ta' fuq u qabel ukoll unanimament mar-rapport tal-Perit. Fil-laqgħa tal-bord li jmiss il-bord għandu jikkonkludi u jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill.

3.12 **Xogħol fuq ir-Ridott – Stima ta' Surveyor:**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li f'laqgħa preċedenti l-Kunsill kien għadda l-pagament ta' €250 għal xogħol ta' surveyor fuq ir-Ridott. Fuq dan il-punt kien hemm żball għax l-ammont kien ta' €1150 inkluż il-VAT.

Il-Kunsill approva unanimament li għandu jitħallas is-somma ta' €1150 inkluż il-VAT.

3.13 **ERDF 212 - Evaluation of Tenders:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna *email* mingħand is-Sur Brian Farrugia mill-OPM, fejn qed jissuġġerixxi lil dawk il-Kunsilli li se jkollhom l-evalwazzjoni tat-tenders fuq l-ERDF 212. Is-Sur Farrugia ssuġġerixxa li ma mmorrux għal MEAT (*Most Econimically Advantageous Tender*) imma għandna mmorru għaċ-*Cheapest Offer* (technically compliant) u dan skond il-pariri li ngħataw lilna mid-Dipartiment tal-Kuntratti fejn l-istess Dipartiment jimxi b'dan il-mod skond l-email mibgħuta mill-Assistent Direttur Brincat fuq EU Related Procurements wara talba mis-Sigretarju Eżekuttiv dwar dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rridu nimxu mal-*iStandard Operating Procedures* fejn il-bord irid ikun maqsum fuq ħamsa li għandu jkun iffurmat hekk: Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku li dawn ikunu hemm bla vot, Amministrazzjoni, Teknika u Finanzjament.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fit-tender li għamlet il-Perit m'hemmx imniżżel l-ammont tal-bankijiet, m'hemmx imniżżla l-ebda bins u lanqas m'hemmx speċifikazzjonijiet fuq id-dimensjonijiet ta' l-oġġetti.

Il-Kunsill għandu jiddiskuti dan kollu waqt is-seduta tal-Kunsill li jmiss.

3.14 **Proġett Italia-Malta 2007-2013 (#35/4860/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li D.Consulta Ltd qed jipproponu biex napplikaw għall-proġett ġdid li jismu Italia-Malta 2007-2013.

Il-Kunsill approva unanimament li napplikaw għal dan il-proġett.

3.15 **Petizzjoni li rċivejna dwar triq li tagħti miż-Żejtun għal Marsaskala – Triq fil-limiti tal-Mozz (#35/4861/11/I):**

Il-Kunsill irċieva petizzjoni dwar triq li tagħti miż-Żejtun għal Marsaskala – Triq fil-limiti tal-Mozz, sabiex issir rijabilitazzjoni ta' din it-triq.

Il-Kunsill approva unanimament li din l-ittra nibgħatuha lis-Sur Silvio Schembri tal-GAL Xlokk.

3.16 **PA5076/10 (Impjant tar-Riċiklaġġ) :**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward din l-applikazzjoni il-Kunsill xorta waħda bagħat il-kummenti tiegħu liċ-Chairman tal-MEPA biex jaċċettahom bħala oġġezjoni l-Kunsill u dan peress li l-Kunsill huwa *primary objector* ta' l-impjant u allura kellu jiġi notifikat. Madankollu l-applikazzjoni kienet tinvolvi *sanctioning* biss ta' affarijiet eżistenti fl-impjant.

3.17 **MEDEEA Project (#35/4900/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Malta Intelligent Energy Management Agency qed tistieden lill-Kunsill tagħna sabiex nieħdu sehem fil-proġett MEDEEA li jikkonsisiti fuq European Energy Award.

Il-Kunsill approva unanimament li niċċekjaw l-ispejjeż relatati ma' dan il-proġett, qabel ma jieħdu deċiżjoni u nibagħtu l-korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri.

- ***Sospensjoni tar-Regolamenti għal item No 5 ta' l-Aġenda.***

5.0 ***Analiżi u aġġudikazzjoni tat-Tender KLM2011/08 - Architect.***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta *tenders* li ntefgħu għal din is-sejħa:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Terracorre Ltd | 1 = 1.0%<br>2 = 2.0%<br>3 = 2.0% |
| 2. | Perit Claude Mallia | 1 = 3.0%<br>2 = 3.0%<br>3 = 5.0% |

| | | |
|---|---|---|
| 3. | Med Design Associates | 1 = 1.8%<br>2 = 2.2%<br>3 = 3.8% |
| 4. | Perit Aaron Abela | 1 = 0.5%<br>2 = 1.4%<br>3 = 2.5% |
| 5. | Design & Technical Resources Ltd | 1 = 0.9%<br>2 = 1.85%<br>3 = 2.75% |
| 6. | John Bugeja Associates | 1 = 1.6%<br>2 = 2.5%<br>3 = 3.9% |
| 7. | Building & Design Cons. | 1 = 1.2%<br>2 = 1.2%<br>3 = 2.3% |

Is-Sindku ppropona li għandu jintgħażel il-Perit Aaron Abela fuq il-kriterji : 1. għaliex għandu fiduċja assoluta mill-Kunsilliera kollha, 2. Prezzijiet raġjonevoli, 3. Esperjenza mal-Kunsill ta' Marsaskala u Kunsilli oħra u 4. Effiċjenti u Effettiv.

Il-Kunsill approva unanimament.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.***

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

4.1 Il-Kunsillier Jesmond Mugliett ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li item Nru 749 hija *'bulky refuse'* mhux 'bexx ta' toroq'.

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

7.0 ***Mozzjonijiet :***

7.1 ***Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#269-19/08/11):***

*"Jipproponi sabiex isiru CCTV cameras fit-Triq id-Daħla ta' San Tumas"*.

Kien hemm korrezzjoni fuq din il-mozzjoni għax mhux CCTV Cameras imma *Speed Cameras*.

Il-Kunsill approva unanimament li nibgħatu lit-TM.

7.2 ***Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#270-19/08/11):***

*"Jipproponi sabiex issir kaxxa ta' l-ittri ħdejn il-Graphics Stationery,Triq il-Qaliet".*

Il-Kunsill approva unanimament li jibgħat jinforma lil Maltapost.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kull 29 tax-xahar ta' Jannar se ssir lejla letterarja fi Ġnien Charles Clews.

9.0 **Aġġornament :**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-8.00p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku